MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 710/2011

**Charles Mifsud**
**(karta ta' l-identita` numru 94852 (M))**

**vs**

**Alfred Mallia**
**(karta ta' l-identita` numru 186852(M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-25 ta' Lulju, 2011 li permezz tieghu wara li r-rikorrenti fuq indikat sintetikament ippremetta:

1. Illi madwar Awwissu tas-sena 2007 ir-rikorrenti kien sellef lill-intimat fuq ukoll indikat l-ammont ta' tlettax –il elf, disa' mija u sitta u sebghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€13,976.25);

2. Illi l-imsemmi ammont kellu jigi ritornat lura lir-rikorrenti mill-intimat fi zmien xahar mid-data ndikata fil-paragrafu precedenti;

3. Illi l-intimat kien ta' "*endorsed cheque*" kif indikat fir-rikors promotur datat is-17 ta' Novembru, 2007, ghall-ammont fuq indikat bhala pagament in parti tal-ammont minnu dovut lir-rikorrenti liema "*cheque*" gie ritornat lura stante li ma kienx hemm flus biex jissarraf;

4. Illi nonostante li l-intimat kien sussegwentement interpellat biex ihallas l-ammont minnu dovut, dan baqa' inadempjenti;

5. Ili fir-rikors de quo intalab li peress li l-ammont hu cert, likwidu u dovut, m'hemm l-ebda eccezzjoni x'titressaq u ghalhekk ghandu jigi deciz bl-abrevjazzjoni tat-termini a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi ghaldaqstant talab lil din il-qorti biex:

i. Tiddikjara u tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegh;

ii. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat hu debitur tar-rikorrenti fl-ammont fuq indikat;

iii. Tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma hemm indikata lir-rikorrenti;

iv. Bl-ispejjez kif indikati fl-istess rikors guramentat promotur;

Rat id-digriet taghha datat it-22 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-intimat jirrispondi ghar-rikors promotur;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkonstatat li nonostante li l-intimat inghata l-opportunita` jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrenti dan xorta naqas li jaghmel dan u ghalhekk qieghed fi stat ta' kontumacja;

Rat il-verbal datat is-16 t'Ottubru, 2012, fejn gie konstatat li nonostante li l-intimat anke inghata l-opportunita` jressaq ix-xhieda tieghu dan ghazel li ma jipprezentax ruhu quddiem il-qorti u jaghmel dak hemm awtorizzat;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess il-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti kien sellef l-ammont ta' tlettax –il elf, disgha mija u sitta u sebghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€13,976.25), lill-intimat bl-obbligu li jroddhom lura;

2. Illi sal-lum, u nonostante li nterpellat, l-intimat naqas li jirrifondi lir-rikorrenti l-ammont lilu misluf kif fuq inghad;

3. Illi di piu`, meta l-intimat ipprezenta pagament in parte permezz ta' "*cheque*" dan gie ritornat ghaliex ma kienx hemm fondi x'jissostanzjawh;

4. Illi nonostante proceduri ohra mehuda mir-rikorrenti biex jassigura l-pagament dovut mill-intimat, dawn irrizultaw inutili;

Ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimat Alfred Mallia hu debitur tar-rikorrenti Charles Mifsud fl-ammont ta' tlettax –

il elf, disa’ mija u  sitta u sebghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€13,976.25);

2. Tikkundanna lill-intimat fuq indikat biex ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti fuq ukoll indikat;

3. Bl-ispejjez kif indikati mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu kontra l-istess intimat u bl-imghaxijiet legali dovuti mill-15 ta’ Settembru, 2009, sad-data tal-effettiv pagament.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------